

Brussell, 26 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9846/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0348 (CNS)**

**FISC 204
ECOFIN 690
EPPO 26**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-aċċess mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għall-informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għal informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fil-livell tal-Unjoni¹.
2. Il-proposta tissuġġerixxi li jiġi emendat ir-Regolament 904/2010², li jirregola l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-VAT, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Istati Membri. Dan jipprovdi bażi legali għall-iskambju ta' informazzjoni u aċċess għad-data dwar il-VAT miġbura fil-livell tal-UE, u b'hekk isaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tiġġieled il-frodi.

¹ Id-dokument 15453/25.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (riformulazzjoni), ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.

3. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – VAT). Saru għadd ta' emendi għall-proposta, b'mod partikolari biex jipprevedu salvagwardji addizzjonali għall-aċċess għad-data.
4. Fil-5 ta' Mejju 2026, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill³.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva tal-Kunsill fit-18 ta' Frar 2026⁴. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-seduta plenarja tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2026⁵.
6. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta t-test fid-dok. 8887/26 (iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt A fl-aqgħa li jmiss.

³ Id-dokument 8807/26.

⁴ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "L-aċċess tal-UPPE u tal-OLAF għall-informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni", dok. 6831/26.

⁵ Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2026-0213_MT.html.